

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1297 tal-4 ta' Awwissu 2021 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċidi perfluworokarbossiliċi li fihom minn 9 sa 14-il atomu tal-karbonju fil-katina (C9-C14 PFCAs), l-imlieħ tagħhom u s-sustanzi relatati mas-C9-C14 PFCAs

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 282 tal-5 ta' Awwissu 2021)

Fil-paġna 32, fl-ewwel paragrafu tal-Anness,

minflok: "Fl-Anness XVII, l-entrata 68 hija sostitwita b'dan li ġej:",

aqra: "Fl-Anness XVII, tiżdied din l-entrata:";

Fil-paġna 33, fil-paragrafu 10 tat-tabella fl-Anness,

minflok: "Sal-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun 2 000 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi. Mill-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni għandu jkun 100 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi.",

aqra: "Sal-25 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun 2 000 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi. Mis-26 ta' Awwissu 2024, il-limitu ta' konċentrazzjoni għandu jkun 100 ppb għat-total ta' C9-C14 PFCAs fil-fluworoplastik u fil-fluworoelastomeri li fihom gruppi ta' perfluworoalkossi.".
